MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 88/2006

Anthony Pace

vs

Frances sive Franca Camilleri

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' l-attur li permezz tiegħu, wara li ppremetta illi:

Illi hwa persuna llitterata  u la jaf jikteb u lanqas jaqra;

Illi fis-17 ta’ Settembru 1991, l-attur ġie mġiegħel mill-konvenuta b’maneġġi  qarrieqa u ngannevoli sabiex jagħtiha mandat ġenerali favur tagħha biex teħodlu ħsieb ħwejġu (kopja tal-prokura  annessa u markata A);

Illi dan il-mandat ma sarx fil-forma preskritta mill-liġi tassattivament għal min ma jafx jiffirma ismu u mingħajr

ma saret id-debita dikjarazzjoni u awtentikazzjoni tal-marka tiegħu bi ksur tal-artikolu 634(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk huwa null;

Illi l-attur irriżultalu li l-konvenuta kienet għamlet użu minn din il-prokura biex iddisponiet minn proprjeta' tiegħu kemm taħt titolu oneruż kif ukoll b'titolu gratuitu, u minn dawn it-trasferimenti favur terzi l-attur mhux biss baqa' ma ngħata ebda tagħrif dwar il-bejgħ u trasferimenti oħra li kienu jsiru ta' ħwejġu, iżda baqa' sal-lum, ma rċeviex sehmu mir-rikavat tal-bejgħ ta' din il-proprjeta' mingħand il-konvenuta, u approprijat ruħha b'mod indebitu minn dawn il-flus l-istess konvenuta;

Illi rriżulta wkoll lill-attur li mill-flus li huwa kellu depożitati f'kontijiet u depożiti oħra fil-banek lokali, l-konvenuta kienet tiġbed regolarmjent flus mill-kontijiet tiegħu kif ser jirriżulta dettaljatament fil-kors tal-kawża, u kienet b'mod abbużiv tapproprija ruħha minn dawn il-flus tal-attur;

Illi meta wara ż-żmien ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet ma baqgħux tajbin daqs qabel, l-aktar minħabba nuqqas ta' rispett u trattament xejn tajjeb li kien jara mingħand il-konvenuta u l-familja tagħha, l-attur sar jaf minn riċerka li qabbad lil min jagħmillu bit-trasferimenti kollha tal-proprjeta' tiegħu li kienu saru mill-konvenuta favur terzi u li minnhom baqa' qatt ma rċieva s-sehem tiegħu fi flus, u sar jaf ukoll minn tagħrif li ngħata mill-Banek li mill-kontijiet tiegħu tal-bank kienu nġabru wkoll somom relattivament kbar ta' flus, u għalhekk kien kostrett irrevokalha l-prokura permezz ta' ittra uffiċċjali tal-31 ta' Awwissu 2004, liema ittra ġġib in-numru 579/2004 (kopja tal-ittra annessa u markata B);

Illi minkejja li l-attur talab diversi drabi lill-konvenuta tagħtih rendikont skond il-liġi tat-trasferimenti li kienet għamlet ta' ħwejġu u tgħaddilu r-rikavat tal-bejgħ, kif ukoll ta' flus li kienet ġibditlu mill-banek, u dan saħansitra wkoll permezz ta' diversi interpellazzjonijiet bil-miktub (korrispondenza annessa u markata minn C sa K), hija baqgħet tirrifjuta u b'mod persistenti li tagħtih dan ir-rendikont u milli tgħaddilu l-flus.

Talab li din il-Qorti jogħġobha:

(i) Tiddikjara li l-prokura li kienet saret mill-attur lill-konvenuta fis-17 ta’ Settembru 1991, ma saritx fil-forma preskritta mill-liġi għal min ma jafx jiffirma ismu, u mingħajr ma saret id-debita dikjarazzjoni u awtentikazzjoni tal-marka tiegħu salib bi ksur tal-artiklu 634(2) tal-kap. 12 tal-liġijiet ta’ Malta, u għalhekk nulla;

(ii) Tiddikjara wkoll nulli u bla effett l-attijiet kollha li jirriżultaw fil-kors ta’ din il-kawża li saru mill-konvenuta permezz ta’ din il-prokura kemm fejn din il-prokura ġiet użata abbużivament biex permezz tagħha l-konvenuta iddisponiet minn ħwejeġ l-attur favur terzi kif ukoll fejn din il-prokura kienet ġiet użata abbużivament biex il-konvenuta ġibdet u nkassat somom ta’ flus mill-kontijiet li l-attur għandu fil-banek lokali;

(iii) Tordna lill-konvenuta tagħti rendikont skond il-liġi ta’ dak kollu li hija għamlet u ta’ dak kollu li hija rċeviet bil-prokura li wżat u dan ai termini tal-artikolu 1857 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, f’terminu perentorju li jiġi lilha prefiss minn dina l-Qorti;

(iv) Fin-nuqqas li tintlaqa’ t-tieni talba għal dak li jirrigwarda t-trasferimenti li saru ta’ proprjeta’ immobiljari tal-attur, tordna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur il-flus kollha li hija rċeviet mill-bejgħ ta’ din il-proprjeta’ u li żammet kontra r-rieda u l-kunsens tal-attur, kif ukoll tirrifondi l-flus kollha li kienet ġibdet mill-banek mill-kontijiet tal-attur u li żammithom ukoll kontra r-rieda u l-kunsens tiegħu, bl-imgħaxijiet legali minn dak inhar li l-istess flus saru dovuti jew inġibdu sal-effettiv pagament tal-istess.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċjali tal-31 ta’ Awwissu 2004, kontra l-konvenuta.

Bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni li għaliha minn issa tinsab imħarrka.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta li eċċepiet illi:

1. Illi preliminarjament jingħad illi l-attur ma jistax jagħmel kumulu ta’ azzjonijiet kif qiegħed jagħmel f’dan il-każ. Illi għalhekk l-attur għandu jagħżel u jiddikjara liema azzjoni huwa ser ikompli.

2. Illi fit-tieni lok, dak li qiegħed jallega l-attur huwa infondat kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.

3. Illi l-prokura li saret, kienet saret validament u l-attur kien jaf x’qed jiffirma. Ma jistax issa jipprova jġib skuża u jgħid illi ma ġietx segwita l-formalita’ li trid il-liġi u b’hekk jipprova juża a benefiċċju tiegħu xi ħaġa li kien jaf biha hu stess.

4. Illi fi kwalunkwe każ it-talba għar-rendikont hija perenta u dan a tenur inter alia ta’ l-artikolu 2157 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

5. Illi t-tieni talba ta’ l-attur ma tistax tintlaqa’ u dan peress illi dak li qiegħed jipprova jagħmel l-attur huwa li jannulla kuntratti li saru ma’ terzi mingħajr ma dawk it-terzi huma involuti fil-każ de quo.

6. Illi anke fir-rigward tar-raba’ talba hemm ukoll il-preskrizzjoni u dan kif maħsub fl-artikolu 1026 u 1026 u 1027 tal-Kodiċi Ċivili.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tagħha tas-6 ta' Novembru 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni.
Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni.

Rat in-nota ta' l-attur tad-9 ta' Jannar 2009 li biha ċeda t-tieni talba u mmodifika r-raba’ talba.

Rat l-atti tal-kawża.
Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' l-ewwel eċċezzjoni tagħha l-konvenuta tissottometti illi l-attur ma setgħax jagħmel kumulu ta' azzjonijiet f'kawża waħda. Jekk tiġi njorata t-tieni talba, li kif ingħad ġiet ċeduta permezz tan-nota ta' l-attur tad-9 ta' Jannar 2009, nsibu li f'din il-kawża l-attur qiegħed jagħmel tliet talbiet, u ċioe' :

(i) Biex skrittura privata ta' prokura tiġi dikjarata nulla; u
(ii) biex il-konvenuta tirrendi rendikont tal-mandat tagħha ai termini ta' l-artikolu 1857 (recte 1875) tal-Kap. 16; u

(iii) biex din tirrifondi lill-attur il-flus kollha li għhandha f'idejha appartenenti lill-attur.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, li saret qabel ma l-attur ċeda t-tieni talba tiegħu, l-konvenuta targumenta illi bit-talbiet magħmula mill-attur mhux talli hemm kumulu ta' azzjonijiet differenti, imma wkoll li dawn huma kontradittorji għal xulxin.

Intqal f'ċirkostanzi pjuttost simili ta' talbiet konfliġġenti f'kawża waħda illi:

"… *jrid jingħad li kawża għal tħassir ta' kuntratt (ta' bejgħ) minħabba vizzju tal-kunsens jew minħabba qerq jew frodi (art. 1212 u 1440 tal-Kap. 16) hija msejsa fuq bażi għal kollox differenti minn kawża mnissla minn bejgħ ta' oġġett li jingħad li mhux tal-kwalita' miftehma (art. 1390 tal-Kap. 16). Dan jidher mhux biss mir-rimedju differenti mogħti mil-liġi fil-każ ta' wieħed u l-ieħor, iżda wisq iżjed sinjifikanti, mill-għamla u l-grad ta' provi meħtieġa biex wieħed isostni l-azzjoni l-waħda jew l-oħra* - ara, per eżempju, App. 4.12.1998 fil-kawża fl-ismijiet J. Cassar Aveta noe vs J. Gatt (Kollez. Vol. LXXXII. ii. 1274). *Illi minn sempliċi daqqa t'għajn lejn il-mod kif inhi mfassla ċ-ċitazzjoni f'din il-kawża, jidher li l-azzjoni attriċi timmira li tħoll il-ftehim tal-bejgħ li sar bejn l-attur u l-imħarrek u li titlob il-ħlas lura tas-somma mħallsa. Dan huwa jitolbu fuq żewġ premessi ewlenin li waħda titkellem dwar vizzju mnissel minn "żball u/jew frodi u għal raġunijiet oħra" u l-*

*oħra titkellem dwar "nuqqas tal-kwalita' pattwita kif jiġi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni*";

*Illi, mingħajr ma wieħed jidħol fil-mertu tal-istess talbiet kemm minħabba li l-ebda provi ma għadhom inġabru s'issa u wkoll minħabba n-natura tal-eċċezzjoni nnifisha - wieħed jista' jifhem li l-atturi qegħdin, f'azzjoni waħda, jikkontemplaw għemil tal-imħarrek li jirrendi null il-ftehim, u wkoll in-nuqqas ta'  twettieq minn naħa ta' l-istess imħarrek tar-rabta kontrattwali li huwa daħal fiha bl-istess bejgħ. Dan huwa muri jew rifless ukoll fl-ewwel żewġ talbiet tal-atturi;*

*Illi dan ifisser li, fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel talba hija bażikament waħda li titlob il-ħall tal-ftehim u l-oħra l-azzjoni tad-danni. Jekk wieħed iqis il-konsiderazzjonijiet magħmulin iżjed 'il fuq f'din is-sentenza, wieħed għandu jasal għall-fehma li mhux biss l-azzjoni attriċi kif imfassla mhix ċara u sewwa, imma tista' saħansitra titqies bħala kontradittorja. F'każ bħal dan, il-Qorti lanqas jibqgħalha s-setgħa li tagħti ordni lill-parti attriċi taħt l-artikoli 173 u 175 tal-Kap. 12, kif kien ikun altrimenti possibbli li jsir* - Perit Guido Vella vs Dr. E. Cefai noe. Appell Ċivili 04.11.1991.

*Illi minbarra dan, il-preġudizzju li jinħoloq lill-imħarrkin biex jiddefendu rwieħhom kif jixraq minn dak li qegħdin jixluhom bih l-atturi jidher li hu tali li jinkwadra ruħu sewwasew fl-għamla ta' preġudizzju gravi msemmi fis-subartikolu (1) © tal-artikolu 789 tal-kap. 12* - A Vella vs A Camilleri - LXXXI. i. 30.

*Illi waqt li qegħda tqis dan kollu, din il-Qorti żżomm quddiem għajnejha wkoll li, safejn hu possibbli, għandha tfittex li att ġudizzjarju għandu jiġi salvat: iżda dan jista' jibqa' jiġi sostnut biss jekk kemm-il darba ma jkunx hemm fih nuqqas li, fil-qofol tiegħu, il-liġi tqisu milqut b'difett li ma jistax jissewwa."* [1]

---

[1] Prim'Awla : 24.09.2001: Angelo Fenech et vs. Pawlu Grech et.; ara wkoll is-sentenzi l-oħra ċċitati mill-konvenuta fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħha .

Taħt il-liġi tagħna kawża tista' tiġi dikjarata nulla jekk ikun hemm xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fis-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 789 tal-kap. 12. Fil-każ tagħna, il-konvenuta tikkontendi illi huwa applikabbli il-paragrafu (c) ta' dan is-subartikolu, u ċioe' "***jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullita', kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullita', preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat***;" u dan għaliex ma ġiex osservat l-artikolu 156(1) (a) tal-kap. 12 li jirrikjedi li r-rikors ġuramentat għandu jkun "***fih tifsira ċara u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba***."

Infatti kif sewwa tindika l-konvenuta fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħha, fil-każ in eżami, l-attur qiegħhed fl-istess nifs jitlob li prokura maghmula permezz ta' skrittura privata a favur tal-konvenuta tiġi dikjarata nulla minħabba nuqqas ta' xi formalita' rikjesta mil-liġi, u li l-konvenuta tagħtih rendikont tal-mandat tagħha ai termini ta' l-artikolu 1875 tal-kap. 16, li proprju jirregola l-mandat. Il-kontradittorjeta' f'dawn iż-żewġ talbiet hija evidenti; jekk ma kienx hemm mandat validu kif qed isostni l-attur, ma seta' lanqas kien hemm ebda obbligu ta' rendikont, impost fuq il-mandatarju bil-liġi, sakemm ma jiġix speċifikament eżentat. Madankollu l-attur għażel li jippersisti b'dawn iż-żewġ talbiet konfliġġenti, għalkemm kellu kull opportunita' li jsalva din il-kawża, billi, kif għamel fir-rigward tat-tieni talba, jċedi wkoll xi waħda minn dawn iż-żewġ talbiet l-oħra wkoll. Fis-sitwazzjoni preżenti l-attur ġab lil din il-Qorti u lill-konvenut f'pożizzjoni li ma jistgħux ikunu jafu sewwa sew xi jrid, u ċioe' jekk hux li l-prokura in kwistjoni tiġi dikjarata nulla, inkella li l-konvenuta tiġi ordnata tagħtih rendikont, ħaġa li tista' ssir biss a bażi ta' prokura valida.

F'tali ċirkostanzi din il-Qorti taqbel mal-konvenuta li l-kawża kif proposta mill-attur, minkejja t-talba li ġiet ċeduta, xorta waħda fiha nuqqas ta' osservazzjoni ta' dak maħsub fil-parafragu (c) tas-subinċiż (1) ta' l-artikolu 156 tal-Kap. 12, billi mhux talli fir-rikors ġuramentat ta' l-attur ma hemmx tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba, imma talli l-premessi u t-talbiet huma kontradittorji

għal xulxin, ħaġa li ma tistax tissewwa mod ieħor ħlief billi jiġu annullati dawn l-atti.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' natura preliminari tal-konvenuta billi tilqa' l-istess eċċezzjoni, tiddikjara din il-kawża nulla a tenur ta' l-artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12, minħabba kontradittorjeta' fid-diversi talbiet, u tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju. Jibqgħu pero' salvi u impreġudikati kwalunkwe azzjonijiet oħra spettanti lill-attur f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjeż kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------